# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, 15 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Numru 1235/2018 TA**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 1955/18MH, fl-ismijiet ta':-**

**Ronald Marmara K.I. 542878 (M)**

**vs**

**Charlene Magri K.I. 303585 (M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Charlene Magri (ir-Rikorrenti ) tal-11 ta' Dicembru 2018;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Dicembru 2018;

Rat ir-risposta ta' Ronald Marmara (l-intimat ) tat-3 ta' Jannar 2019;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 2019 fejn fost ohrajn il-partijiet qablu li ai fini ta' dan ir-rikors il-Qorti hija libera ukoll li tirreferi ghall-Kawza fl-ismijiet premessi;

Rat id-dokumenti kollha esbiti mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda tar-Rikorrenti fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2019;

Rat li fis-seduta fuq imsemmija ir-rikors thalla ghall-provvediment in camera.

**Ikkunsidrat**

Irid qabel xejn ikun iccarat, li l-provvediment li qed jinghata llum huwa ghal skopijiet unici dwar jekk prima facie jirrisultax li l-mandat mertu ta' dan ir-rikors, ghandux jinzamm shih jew f'parti minnu. Igifieri, l-ezitu ta' dan ir-rikors ma ghandu jkollu ebda rifless fuq il-mertu tal-Kawza propja bejn il-partijiet.

Il-fondatezza o` meno tal-pretensjonijiet ta' Ronald Marmara jew tal-eccezzjonijiet f'dik il-Kawza ta' Charlene Magri, ghad iridu jkunu ikkunsidrati fil-fond mill-Qorti li giet adita biex tisma' l-kaz. (ara **Decizjonijiet fl-ismijiet P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd - P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001** u **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et – P.A. RCP. tad-29 ta' Novembru 2001**). Dan ifisser li l-ezami li ser taghmel din il-Qorti huwa wiehed preliminari u fondat fuq dak li jirrisulta lilha **f'dawn il-proceduri** mad-daqqa t'ghajn. Ikun xi jkun l-ezitu ta' dan l-ezami prima facie, kemm jekk tigi milqugha t-talba ghar-revoka tal-Mandat u kemm jekk

ma tigix milqughha, bl-ebda mod ma jincidi fuq l-ezitu tal-kawza dwar il-mertu.

Fid-dawl tat-taghlim gurisprudenzjali fuq imsemmi, il-Qorti ezaminat l-atti u provi li kellha quddiemha ai fini ta' dan ir-rikors. Jista' jinghad mill-bidu, li l-intimat ghandu prima facie dritt li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu fil-mertu tal-kawza li hemm pendenti bejn il-partijiet. Permezz ta' din il-Kawza, l-intimat qua Attur, qieghed jippretendi rifuzjoni ta' kwantita' ta' flus li hareg a` beneficcju tar-Rikorrenti tul iz-zmien li kellhom relazzjoni, li minnha sahansitra kellhom wild. L-ammont li qed ikun mitlub li jkun kawtelat huwa dak ta' sebgha u tletin elf u hames mitt ewro (€37,500).

Il-Qorti ghamlet hilitha biex tipprova tikkomputa l-ammont, li *prima facie* jidher li jemergi mid-dokumenti esebiti. Waslet ghac-cifra ta' circa sbatax-il elf Ewro (€17,000). Dan ifisser, li bejn dak li jista' presumibilment jigi accertat, ghalkemm mhux bil-fors dovut, u dak li u li dwaru l-intimat ma ghandux id-dokumenti, hemm differenza ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) cirka. Kwantu jirrigwarda dan l-ammont, l-imsemmi Ronald Marmara jistqarr fir-risposta tieghu ghar-rikors odjern, li l-prova tal-esistenza ta' ammonti ohrajn ser isiru b'xhieda li ghad trid tigi prodotta fil-mori tal-Kawza u li b'dokumentazzjoni l-Konvenuta ghandha fil-pussess taghha, liema dokumentazzjoni kienu f'file li kellu l-intimat meta kien ghadu jirrisjedi maghha.

Forsi kien ikun utli ghall-iskopijiet ta' mandat biss, li talinqas l-intimat hejja xi xorta ta' prospett jew spjegazzjoni, anke jekk mhux preciza, f'hiex kienu intefqu dawn il-flejjes li taghhom ma ghandux id-dokumentazzjoni. Seta' ukoll, fis-smiegh ta' dan ir-rikors, joffri ix-xhieda tieghu biex talinqas jaghti spjega ta' f'hiex kienu jikkonsistu.

B'referenza ghal dawk il-flejjes mhux dokumentati, it-tismija ta' f'hiex kien jikkonsisti l-infieq f'paragrafu 2 tar-risposta hija wahda wisq generika biex ikun jista' jinghad li l-ammonti kawtelati huma prima facie accettabbli ai fini ta' dawn il-proceduri. Meta l-ammonti li jissemmew fil-mandati kawtelatorji jkunu tali, li parti minnhom mad-daqqa t'ghajn ma ghandhomx ikunu ikkawtelati, il-Qorti ghandha l-obbligu li, f'dan l-ezami preliminari taghha, filwaqt li thares l-interessi tal-kreditur, taccerta ukoll li ma jinholoqx jasar lid-debitur aktar minn kemm hemm bzonn, meta jirrisulta li l-ammonti kawtelati jistghu ikunu eccessivi. Filwaqt li jirrizulta li l-intimat ghandu prima facie dritt li jikkawtela l-ammonti mhux dokumentati, fil-fehma tal-Qorti, dan huwa wiehed eccessiv. Ghalhekk flimkien mal-ammonti dokumentati ma' dawk li sa issa ma humiex, il-Qorti ser tkun qed tirriduci l-ammont totali minn €37,500 ghal €26,000.

Ir-rikorrenti qeghdha ukoll titlob li jigu applikati l-effetti tal-artiklu 836(9) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Talba bhal din tista' issir biss b'rikors ad hoc u

mhux bil-mod li qieghed ikun mitlub. **(ara Provvediment tal-PA tal-21 ta' Dicembru fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1006/11 fl-ismijiet Market Handle Ltd - vs – Fahrenheit Freight Forwarders Company Ltd. )**.

Minn ezami tal-provi u l-atti tar-rikors, l-anqas ma jirrisulta lil din il-Qorti li jesistu l-estremi tal-ligi biex jigu applikati l-effetti tal-artiklu 838A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. L-ermenawtika gurisprudenzjali taghna dejjem esegiet, li sabiex ikun applikat dan l-artiklu irid ikun hemm ragunijiet serji u impellenti (ara **Sentenza PA per Imhallef Anna Felice tas-6 ta' Frar 2013 fl-ismijiet Associated Supplies Ltd -vs- Joseph Mizzi)**. Minn ezami tal-atti tar-rikors, dawn ir-ragunijiet ma jirrisultawx lil din il-Qorti.

**Provvediment**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qeghdha tipprovdi bil-mod li gej:-

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-**ewwel talba** peress li issa giet sorvolata.

**Tilqa' t-tieni talba** fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biss, inkwantu l-ammont li qed ikun ikkawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru mertu ta' dawn il-proceduri huwa eccessiv. Tordna ghalhekk f'dan ir-rigward, li l-ammont ikkawtelat bil-mandat ta' sekwestru bin-numru

1955/18 fl-ismijiet premessi fl-istess mandat jigi ridott **minn sebgha u tletin elf u hames mitt Ewro (€37,500) ghal sitta u ghoxrin elf Ewro (€26,000)**.

**Tichad** ghalhekk dik il-parti ta' din it-talba fejn biha qed tintalab ir-revoka ta' dan il-mandat abbazi tal-artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

**Tichad it-tielet talba.**

**Tichad ir-raba'.**

Spejjes tal-mandat riservati ghal mal-gudizzju finali fuq il-mertu.

**Moghti kameralment illum 15 ta' Jannar, 2019.**

**Imhallef Toni Abela**